



Brussell, 15 ta' April 2025  
(OR. en)

7111/1/25  
REV 1

LIMITE

ENV 158  
ENT 36  
ONU 9  
CHIMIE 15

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0028(NLE)

---

---

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes fir-rigward tat-talbiet għall-estensjoni ta' eżenzjonijiet speċifiċi u tal-proposti għall-emendar tal-Anness A ta' dik il-Konvenzjoni

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...**

**ta' ...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea  
fit-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet  
għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes  
fir-rigward tat-talbiet għall-estensjoni ta' eżenzjonijiet speċifiċi  
u tal-proposti għall-emendar tal-Anness A ta' dik il-Konvenzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes<sup>1</sup> (il-“Konvenzjoni”) daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 2004 u ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE<sup>2</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni (il-“Konferenza tal-Partijiet”) għandha s-setgħa telenka sustanzi kimiċi fl-Annessi A, B u/jew C tal-Konvenzjoni u tispeċifika l-miżuri tal-kontroll relatati ma' tali sustanzi kimiċi.
- (3) Fit-12-il laqgħa tagħha, il-Konferenza tal-Partijiet hija mistennija tadotta deċiżjonijiet biex telenka aktar sustanzi kimiċi fl-Anness A tal-Konvenzjoni.
- (4) Sabiex saħħet il-bniedem u l-ambjent jitħarsu minn aktar rilaxxi ta' paraffini klorurati b'tulijiet tal-katina tal-karbonju fil-medda C14–17 u b'livelli ta' klorinazzjoni ta' 45 fil-mija jew aktar ta' kloru skont il-piż, ta' klorpirifos u ta' aċidi perfluworokarbossiliċi b'katina twila, tal-imlieħ tagħhom u tal-komposti relatati, huwa neċessarju li jitnaqqsu jew jiġu eliminati l-produzzjoni u l-użu ta' dawk is-sustanzi kimiċi fil-livell globali u li jiġi appoġġat l-ejenkar tagħhom fl-annessi rilevanti tal-Konvenzjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 209, 31. 7.2006, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/convention/2006/507/oj>

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/convention/2006/507/oj>).

- (5) Peress li l-Kumitat ta' Rieżami tal-Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (Persistent Organic Pollutants Review Committee, POPRC) identifika l-ħtieġa ta' ċerti eżenzjonijiet speċifiċi għal kull waħda mit-tliet sustanzi kimiċi biex jingħata daqsxejn taż-żmien għat-tneħħija gradwali tal-użu tagħhom, fosthom billi jiġu identifikati xi alternattivi, jenħtieġ li jingħataw ċerti eżenzjonijiet speċifiċi bi żmien limitat, li wħud minnhom huma meħtieġa mill-Unjoni.
- (6) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet speċifiċi għall-paraffini klorurati b'tulijiet tal-katina tal-karbonju fil-medda C14–17 u b'livelli ta' klorinazzjoni ta' 45 fil-mija jew aktar ta' kloru skont il-piż irrakkomandati mill-POPRC ma jkoprix l-użi kollha li huma meħtieġa mill-Unjoni qabel ma titlesta t-tranżizzjoni lejn alternattivi oħra, u għalhekk l-Unjoni jenħtieġ li titlob iż-żieda ta' eżenzjonijiet speċifiċi għall-użu f'ċerti applikazzjonijiet tad-difiża u ajruspazjali, bħal kisi, lubrikanti, u munizzjon u l-imballaġġ tiegħu u, fejn meħtieġ, dati tal-iskadenza itwal għall-identifikazzjoni ta' alternattivi u s-sostituzzjoni f'dawk is-setturi ferm regolati.
- (7) Sabiex jitħalla żmien raġonevoli biex jiġu identifikati alternattivi u jintużaw ċerti spare parts fis-settur tal-avjazzjoni, jista' jkun hemm il-bżonn li l-UV-328 jibqa' jkun permess jintuża f'ingeni tal-ajru ċivili u militari inkluż fi spare parts rilevanti. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-proposta mir-Repubblika Demokratika Federali tal-Etjopja li tiżdied l-eżenzjoni speċifika rispettiva mill-entrata dwar l-UV-328 fl-Anness A tal-Konvenzjoni, li jenħtieġ li tkun qasira kemm jista' jkun biex tiġi żgurata t-tneħħija gradwali rapida tal-użu tal-UV-328.

- (8) Ir-Repubblika tal-Korea infurmat lill-Partijiet<sup>3</sup> li wara l-projbizzjoni fuq il-manifattura, l-importazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq tal-aċidu perfluworootanojku (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA, l-aċidu perfluworootansulfoniku (PFOS), l-imlieh tiegħu u l-fluworur tas-sulfuril tal-perfluworootan għall-użu fil-fowms għat-tifi tan-nar fil-Korea, għad għandha ħażniet ta' dawk il-fowms u li jista' jkollha bżonn aktar żmien biex timmaniġġa dawk il-ħażniet b' mod li jirrispetta l-ambjent. Dawk il-ħażniet jistgħu jintużaw matul dak il-perjodu f' impjanti petrokimiċi, ajruporti, jew siti oħra, fil-każ ta' nirien kbar u l-alternattivi disponibbli ma jkunux effettivi biżżejjed. Sabiex ir-Repubblika tal-Korea tingħata aktar żmien biex gradwalment tintroduċi alternattivi u meta jitqies li t-talba mir-Repubblika tal-Korea biex testendi d-data ta' skadenza ta' dawk l-eżenzjonijiet speċifiċi, li ser japplikaw biss għar-Repubblika tal-Korea bħala l-Parti rikjedenti, tikkonforma mal-proċess ta' rieżami adottat fid-Deċiżjoni SC 4/3 u SC 7/1, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa dik it-talba.
- (9) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fit-tnax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet, billi d-deċiżjonijiet ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni jew kapaċi jinfluwenzaw b' mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>3</sup> SC/COMM/01.2025/2.

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj>).

## Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (il-“Konferenza tal-Partijiet”), filwaqt li jitqiesu kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kumitat ta' Rieżami tal-Pollutanti Organiċi Persistenti (POPRC), għandha tkun din li ġejja:

- (a) li jiġi appoġġat l-elenkar tal-paraffini klorurati b'tulijiet tal-katina tal-karbonju fil-medda C14–17 u b'livelli ta' klorinazzjoni ta' 45 fil-mija jew aktar ta' kloru skont il-piż fl-Anness A, bl-eżenzjonijiet speċifiċi rrakkomandati mill-POPRC<sup>5</sup>, u li jintalbu eżenzjonijiet speċifiċi addizzjonali għall-użu f'ċerti applikazzjonijiet tad-difiża u ajruspazjali, bħal kisi, lubrikanti, u munizzjon u l-imbaggġ tiegħu, u estensjoni tad-dati tal-iskadenza għal xi eżenzjonijiet għall-applikazzjonijiet ajruspazjali u tad-difiża sal-2041, b'estensjoni possibbli ta' din id-data tal-iskadenza sa tmiem il-ħajja tat-tagħmir u tal-ispare parts jekk dawk is-sustanzi jintużaw f'tali applikazzjonijiet;
- (b) li jiġi appoġġat l-elenkar tal-klorpirifos fl-Anness A, bl-eżenzjonijiet speċifiċi rrakkomandati mill-POPRC<sup>6</sup>;
- (c) li jiġi appoġġat l-elenkar tal-aċidi perfluworokarbossiliċi b'katina twila, tal-imlieh tagħhom u tal-komposti relatati fl-Anness A, bl-eżenzjonijiet speċifiċi rrakkomandati mill-POPRC<sup>7</sup>.

---

<sup>5</sup> POPRC-20/2.

<sup>6</sup> POPRC-20/1.

<sup>7</sup> POPRC-20/3.

## *Artikolu 2*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għandha tkun li tappoġġa l-proposta ppreżentata mir-Repubblika Demokratiki Federali tal-Etjopja biex jiġi emendat l-Anness A tal-Konvenzjoni billi tiżdied eżenzjoni speċifika għal ċerti użi limitati tal-UV-328 f'ingeni tal-ajru ċivili u militari inkluż fi spare parts rilevanti, dment li l-eżenzjoni tapplika għal perjodu qasir kemm jista' jkun u ma taqbix il-ħames snin.

## *Artikolu 3*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għandha tkun li tiġi aċċettata t-talba mressqa mir-Repubblika tal-Korea biex tiġi estiża d-data tal-iskadenza tal-eżenzjonijiet speċifiċi, li ser japplikaw biss għar-Repubblika tal-Korea bħala l-Parti rikjedenti, għall-użu tal-aċidu perfluworoottanju (PFOA), tal-imlieh tiegħu u tal-komposti relatati mal-PFOA, tal-aċidu perfluworoottansulfoniku (PFOS), tal-imlieh tiegħu u tal-fluworur tas-sulfuril tal-perfluworoottan għall-użu fil-fowms għat-tifi tan-nar għas-soppressjoni tal-fwar minn fjuwils likwidi u nirien ta' fjuwils likwidi (Nirien tal-Klassi B) f'sistemi installati, inkluż sistemi kemm mobbli kif ukoll fissi.

## *Artikolu 4*

Bidliet li jirfinaw il-pożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 1, 2 u 3, fid-dawl tal-iżviluppi tat-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet li jista' jkun hemm qbil dwarhom mir-rappreżentanti tal-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---